# Tagħrif mir-Reġistri tal-Arkivju Parrokkjali

## "Esito Straordinario"
## Xogħol u opri fil-knisja matul is-snin 1925-1945

MONS GUZEPPI CURMI

Ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ jagħtina dettalji qosra iżda interessanti kemm ta' xogħol li kien isir fil-knisja kif ukoll ta' opri li saru. Għad li l-informazzjoni qasira mhix dejjem hi suffiċjenti biex tinżel fid-dettal, imma t-tagħrif mogħti jista' jgħin lill-istoriku biex jgħaqqad flimkien biċċiet mill-istorja tal-knisja u tar-raħal. Insibu mhux biss informazzjoni dwar artisti u persuni li ħadmu fil-knisja tagħna, imma wkoll benefatturi li ħarġu l-flus minn buthom biex setgħu jsiru l-opri fil-knisja.

Fir-reġistru finazjarju Ħruġ u d-Dħul tal-knisja tagħna, minn paġna 155 sa paġna 171 insibu sezzjoni dwar "Esito Straordinario" (Ħruġ Straordinarju) fi żmien ir-rettorat ta' Dun Spir Gauci bejn is-snin 1925-1945. Din is-sezzjoni tibda fil-25 ta' Ottubru 1925.

**Is-sena 1925**

Ma jidhirx li matul is-sena 1925 kien hawn ħafna spejjeż straordinarji. F'Ottubru jidher biss li r-Rettur Dun Spir Gauci xtara xi kuruni tar-rużarju biex jingħataw lill-benefatturi u ħaseb biex mal-bieb il-kbir tal-knisja jagħmel purtiera tal-ġild jew xi drapp oħxon biex jgħattih, għax kif jidher fit-30 ta' Ottubru tal-istess sena huwa xtara żewġ granpuni kbar biex iżommu t-tinda u xi tarjoli u ħabel. Ħallas ukoll 6 xelini lil Carmelo Saliba u lil Franġisk Said talli għamlu xi toqob fil-kmapnari biex idendlu l-qniepen.

Fil-25 ta' Ottubru l-Imgħallem bennej Vitor Vella poġġa tliet qniepen fil-kampnar (il-qniepen l-antiki li kienu nxtraw minn San Ġorġ) u tax-xogħol tħallas £1. Jirriżulta wkoll li Dun Spir ħallas ukoll 3s. lil Ġamri Bajada ta' Ċella għat-trasport ta' dawn il-qniepen minn Malta għal Għawdex. Il-festa tal-konsagrazzjoni tal-Knisja (18 ta' Ottubru 1925) ġiet tiswa £10.17s.9d., spiża li tinkludi l-mużika u rigal lill-isqof Gonzi. Fit-28 ta' Ottubru sar it-tberik tal-Via Sagra. Taħt il-ġurnata tad-29 ta' Ottubru nsibu li tħallset it-tiswija tal-qanpiena ta' disa' qnatar. Ix-xogħol sar mill-Corporation (kif kienet tissejjaħ it-Tarzna) u l-ispiża kienet ta' £6. Sar ukoll il-ħlas ta' £0.1s.6d. lill-kurrier Carlo Mizzi talli ġab minn Malta erba' lapidi tal-irħam tal-erba' altari tal-ġnub. Dawn ġew magħmula minn Antonio Barbaresco, li tagħhom tħallas £1.2s. Fix-xahar ta' Diċembru 1925 Antonio Cefai għamel għaxar fjuretti biex jitpoġġew fuq l-altari bejn il-gandlieri. Dawn ġew jiswew £2.17s.6d.

**Is-sena 1926**

Fix-xahar ta' Marzu nxtraw erba' travi tal-injam mingħand il-Knisja Katidrali għall-prezz ta' £7.9s. Fil-25 ta' April inxtraw il-lampier u ostensorju tal-metall arġentat mingħand id-ditta Busuttil għall-prezz ta' £6.18.6d, u f'Mejju nxtara Bambin tal-Milied għall-prezz ta' £1.8s. F'Settembru nxtara armonium mingħand is-sinjura Carolina Spiteri għall-prezz ta' £10.

Opra oħra li bdiet f'din is-sena 1926 kien id-Damask tat-Tajjar, għax insibu li nxtraw grampuni, ħoloq u affarijiet oħra relatati, flimkien ma' sellum biex titwaħħal it-tapezzerija.

**Is-sena 1927**

F'Jannar insibu tagħrif li Mikiel Anġ Borg tal-Karkaris ħallas £12 biex isir il-kwadru ta' San Ġużepp. Il-kurrier li ġab il-kwadru tħallas 4s.6d.

F'Ġunju Franġisk Coleiro ndura l-loppa tal-lampier il-kbir u tħallas £1.7s.6d. Fis-7 ta' Ottubru nġabu minn Milan żewġ lampieri oħra għall-kappelluni mingħand id-ditta Zappi. Dawn ġew jiswew £3.19s.5d. u nġabu minn Mons Teologu Dun Karm Muscat.

**Is-sena 1928**

F'Jannar ta' din is-sena Antonio Barbaresco tħallas akkont ta' żewġ skrizzjonijiet għal taħt il-gallarija tal-Orgni. Tax-xogħol hu tħallas £3. Fit-28 ta' Ottubru l-istess Bararesco rċieva £2 bħala ħlas għal skrizzjoni oħra taħt l-orgni.



Waħda mill-ikrizzjonijiet tal-irħam li hemm taħt il-gallarija tal-Orgni.

Fl-14 ta' Frar 1928 il-pittur Robert Caruana Dingli tħallas £30 tal-kwadru titulari ta' San Pawl. Għoxrin lira tħallsu mill-benefatturi, waqt li l-għaxar liri oħra tħallsu mill-knisja. Dan il-kwadru sar fis-sena ta' qabel, jiġifieri fl-1927. Fi Frar ukoll inxtrat l-umbrella tal-vjatku mingħand id-ditta Taljana Clemente Zappi, għall-prezz ta' £1.10s., inklużi l-ispejjeż tad-dazju. Mill-istess ditta nxtara wkoll drapp biex issir kappa: spiża ta' £2.

Il-kapsula li kienet tintuża f'Ħamis ix-Xirka ġiet magħmula mill-iskultur Liberat Borg u miksija bit-tapezzerija. B'kollox ġiet tiswa £1.3s.

Dun Spir ma ħasibx biss biex iżejjen u jarma l-knisja tal-ġebel, imma wkoll beda jorganizza l-quddies fil-knisja. Hekk, per eżempju, fil-25 ta' Settembru tidher nota li saret quddiesa kantata b'suffraġju tal-bennej tal-knisja Wiġi Vella. Din tħallset mill-knisja. Hemm ukoll ħlasijiet lil diversi saċerdoti li kienu jqaddsu, fosthom Dun Ċelest Galea mill-Fontana.

**Is-sena 1929**

Fid-9 ta' Frar jidher li Mons Francesco Portelli ġab xi drappijiet għall-użu tal-knisja u tħallas £3.2s. L-induratur Ġużepp Farrugia tal-Imdina għamel xi xogħol ta' induratura fuq il-gwarniċ tal-vintaltar u tħallas £7 tax-xogħol u nofs lira (10s.) tat-trasport.

Fis-7 ta' Diċembru sar it-tberik tal-Kwadru ta' San Nikola ta' Tolentino u fis-27 ta' Diċembru saru r-ritratti tal-Isqof Gonzi u ta' Dun Ġużepp Galea. Dawn ġew jiswew £2.5s.

**Is-sena 1930**

Fit-22 ta' Jannar Dun Ġużepp Spiteri għamel l-Antifonarju l-kbir tal-kant tal-antifoni tal-festa ta' San Pawl, u tħallas £1.16s.0d. Franġisk Said għamel it-tilar li fuqu ġie mpitter il-kwadru ta' San Ġużepp u wkoll il-palk tal-eżerċizzi. B'kollox tħallas £2.2s.6d.

F'Marzu u April saru t-tarġiet tal-presbiterju: ix-xogħol u l-ġebel sewa s-somma ta' £9.2s.4d. L-altar maġġur tħallas minn Dun Ġużepp Galea, benefattur kbir, li ħallas ukoll minn flusu l-art kollha tal-presbiterju (l-antik) u tal-knisja, u anke d-damask kollu.

Fit-28 ta' Diċembru sar il-Kwadru ta' San Ġużepp. Il-pittur Domenico Micallef tħallas £20: parti mill-benefatturi (£15.15s.) u l-bqija (£4.5s.) tħallsu mill-knisja.

**Is-sena 1931**

Fit-12 ta' Marzu sar il-madum tal-presbiterju li ġie mħallas minn Dun Ġużepp Galea. Iż-żewġ armi tal-familja ta' Dun Ġużepp Galea li kienu jidru fuq il-presbiterju l-antik kienu saru mill-marmista de Paoli għall-prezz ta' £1.


L-arma tal-familja ta' Dun Guzepp Galea n-naħa ta' wara tal-altar maġġur.

F'din is-sena wkoll saret il-gallarija tal-orgni. Il-ħaddiema kienu l-bennej Paolo Buttigieg u l-lavranti Ġużepp Buttigieg, Spiru Agius, Espedito Buttigieg, M'Anġ Mercieca u Wiġi Farrugia (li ġarr il-ġebel). Francesco Xerri u Toni Agius żebgħuha għas-somma ta' £6.8s.1d.

Salvu Buttigieg poġġa u naġar it-turġien tal-presbiterju. Toni Frendo għamel wieħed mill-bibien laterali għall-prezz ta' £3.10s.

**Is-sena 1932**

Fis-7 ta' Frar Mons Portelli xtara xi drapp għall-kanopew (£6.7s.8d.). Dun Ġużepp Galea xtara d-drapp għad-damask l-antik tat-tajjar aħmar. Dun Ġużepp ħareġ is-somma ta' £50 u l-knisja ħallset £5.3s. oħra. Id-drapp inxtara mingħand Ġużepp Xicluna. Ġużepp Gauci tħallas is-somma ta' £2.10s. għall-ħjata ta' ħames kappi, żewġ tuniċelli, kanopew u supraleġiju.

Ġanni Saliba ħallas is-somma ta' £29 għall-induratura tal-istatwa ta' San Pawl, u żewġ liri oħra ħarġu minn tal-knisja. L-induratura tal-pedestall saret minn Ġużeppi Farrugia, li tagħha tħallas £16. Ġie mogħti rigal ta' £1 lil Wistin Camilleri bħala ringrazzjament għax-xogħol ta' erba' bassoriljievi li jinsabu fuq l-istess pedestall u li tagħhom ma riedx ħlas.

F'din is-sena sar xogħol ta' restawr tal-orgni. Għal dan ix-xogħol ġie mqabbad Antonio Schembri li dam seba u għoxrin jum jaħdem. Ta' dan ix-xogħol tħallas £3.7s.6d. Max-xogħol ta' jdejh wieħed irid iżid ukoll £8.18s. ta' materjal li xtara, £5 ta' reġistri. L-istess Schembri rċieva wkoll £15 minn benefattur.

Insibu miktub ukoll li Nikol Mercieca ħa ħsieb li jinbena mezzanin ħdejn il-knisja għall-prezz ta' £15 biex fih joqogħdu r-Rettur u xi impjegati li jkunu jaħdmu fil-knisja. L-organista Giuseppe Schembri minn Birkirkara tħallas is-somma ta' £13.10s. ta' 105 jum xogħol. Ġamri Debrincat tħallas is-somma ta' £9 għal 100 ġurnata li fihom kien jipprovdi l-ikel għall-istess organista.

**Is-sena 1935**

Fil-folju 166 jidher li f'April ta' din is-sena Loreto Xuereb tħallas £1.4s. ta' sitt siġġijiet għas-sagristija. Il-bajjad Mikiel Haber tħallas £4.8s.6d. tax-xogħol li għamel fil-mezzaninn. Fis-27 tal-istess xahar Carmelo Attard tal-Għammiel tħallas £6.17s. u Francesco Said £4.10s. għax-xogħol tal-injam li għamlu fil-kor u fuq l-orgni.

Mariano Sarè għamel l-iskrizzjoni fuq l-irħam tal-faċċata tal-altar maġġur, li tagħha tħallas £1.5s. Tħallsu l-aħħar £5 lill-prokurtur tal-patrijiet Konventwali tal-Belt mnejn inxtara l-orgni li kien fadal mill-ħlas tal-istess orgni. Inxtara wkoll kalċi mingħand Paolo Pace għall-prezz ta' £1.

**Is-sena 1936**

Fis-26 ta' Jannar Mikiel Fsadni għamel il-gwarniċun tat-titular, li tiegħu tħallas £5.10s. Fid-29 tal-istess xahar Aristarco Muscat tħallas £6 għax-xogħol tal-iskultura fil-kapitelli tal-kor. Imbagħad f'April tal-istess sena Carmelo Attard tħallas £75 tax-xogħol tal-injam tal-kor. L-iskultur Vinc. Sant tħallas £2.10s. għall-iskultura ta' żewġ stemmi u 14-il mazzettun tal-istess kor.

Fit-13 ta' Mejju Wistin Camilleri rregala kurċifiss kbir b'xejn għall-Eżerċizzi (il-Kurċifiss tal-vara l-kbira). Fis-7 ta' Ġunju ġew imħallsa sitt gandlieri tal-ħadid li saru mill-ħaddied Salvu Farrugia. Il-gandlieri swew £4.10s.




Il-kurċifiss tal-vara l-kbira.

Il-ħajjat tat-tapezzerija tal-knisja kien Ġużepp Gauci, ħu r-rettur Dun Spir. Tax-xogħol tħallas £15. Franġisk Said tħallas £3.8s. għas-sellum (tal-orgni) u armar ieħor għall-mużika, waqt li Ġużepp Parnis tħallas 4s. għall-istess xogħol.

Ix-xogħol tal-bizzilla għall-altari tal-Karmnu u San Mikiel sar b'xejn. Tħallsu 10s. tal-ħajt tal-bizzilla. Antonia Mejlaq irċeviet 1s.6d għad-disinn tal-bizzilla.

Fil-15 ta' Ottubru ngħab reskritt minn Ruma biex ikun jista' jitpoġġa kuljum is-Sagrament fit-tabernaklu.

**Is-sena 1937**

F'Marzu tħallsu £9.14ss għar-restawrazzjoni tal-fjuretti tal-altari tal-ġnub. F'Lulju saret l-arma ta' Mons Isqof Gonzi fuq il-bieb il-kbir. Saret minn Ġużepp Agius għall-ħlas ta' 10s. F'Novembru sar il-ħlas ta' £2 lil Ġużepp Borg għax-xogħol tal-iskultura fuq il-gwarniċun ta' żewġ altari.

**Is-sena 1938**

Fit-28 ta' Jannar sar il-ħlas ta' £4.10s lil Carmelo Pisani għall-induratura bil-fidda ta' seba' gandlieri. Fis-7 ta' Awwissu l-arġentatur Francesco Cassar tħallas 12s. għall-induratura ta' kalċi u patena.

**Is-sena 1939**

L-istess Francesco Cassar f'Jannar 1939 tħallas £3.10s. talli ndura sfera u għamel ċavetta tal-fidda għat-tabernaklu.

F'Mejju nxtraw sitt gandlieri żgħar tar-ram u ċensier għall-prezz ta' £2.6s. mingħand l-artist Giuseppe Caruana.

**Is-sena 1940**

F'Jannar Ġużepp Agius għamel il-lavur u żebaħ il-gwarniċi tal-kwadri. Tax-xogħol tħallas £6.15s.3d. Iż-żebgħa, mixtrija mingħand M'Angelo Galea, ġiet tiswa £3.6s.7d. Saret ukoll l-arġentatura ta' tliet Karti tal-Glorja, li tagħhom Ant. Pisani tħallas £1.7s.6d.

F'Ottubru tal-istess sena Dun Anton Cefai għamel erbatax-il kuruna u tnax-il fjurett tal-fjuri tal-karta għall-prezz ta' £5.7s.

**Is-sena 1941**

Matul din is-sena wkoll saru erba' fjuretti għall-Kwaranturi għand il-Malti Giuseppe Zammit għall-prezz ta' £1.1s.6d. F'din is-sena jidhru wkoll il-ħlasijiet tal-pedaġġi tal-quddiesa u tal-qrar lil diversi saċerdoti.

**Is-sena 1942**

Fis-sena 1942 Wistin Camilleri għamel loppa b'żewġ anġli għal-lampier għall-prezz ta' £3.10s. Ġużepp Agius tħallas £2.10s. għall-gwarniċ tal-kwadru bil-gwarniċ b'kollox tal-Wiċċ ta' Kristu.

Imbagħad saret in-niċċa tal-Addolorata għall-prezz ta' £6.6s.5d., u Carmelo Bonello għamel stellarju għall-istatwa tad-Duluri u arġentah għall-prezz ta' £2.

**Is-sena 1943**

F'din is-sena nsibu li Wistin Camilleri tħallas 10s. ta' tliet libretti deheb għall-induratura tal-istatwa tad-Duluri. Giuseppe Zammit għamel il-kuruna tal-fjuri artifiċjali għal ħdejn riġlejn id-Duluri u tħallas is-somma ta' £2.7s. L-istatwa tad-Duluri swiet £9 u tħallset fid-19 ta' Novembru.

Wistin Camilleri tħallas ukoll 5s. talli għamel l-arġentar fuq il-Salib tal-Kleru. F'Mejju tal-istess sena nsibu li ġew imħallsa tliet Karti tal-Glorja arġentati għall-prezz ta' £3.

**Is-sena 1944**

F'din is-sena sar il-pedestal tad-Duluri mill-mastrudaxxa Carmelo Attard għall-prezz ta' £1.15s. Saru wkoll in-niċeċ għall-istatwi ta' San Ġużeppu ta' Ġesù Nazzarenu minn Ġużepp Vella u ibnu Toni. Dawn swew £3.10s. Wistin Camilleri tħallas 15s. meta żebaħ il-pedestal tad-Duluri. Saret ukoll l-antiporta tas-sagristija li ġiet tiswa 2.2s.6d. Il-ħġieġ tal-antiporta sewa 15s.

**Is-sena 1945**

F'Marzu ta' din is-sena saru d-dijademi tan-Nazzarenu u ta' San Ġużepp u dijadema oħra għall-Bambin tal-Milied mill-arġentatur Francesco Cassar. Dawn swew £7. Sar ukoll il-ħlas għall-ħġieġ tan-niċeċ ta' San Ġużepp u tan-Nazzarenu, u għas-Salib (tal-injam) ta' fuq iċ-ċinta tal-faċċata tal-knisja għall-prezz ta' £7.18s.6d.6d.; l-injam ġie jiswa £5. Il-ġilju ta' San Ġużepp, magħmul minn Francesco Cassar, bil-bastun b'kollox ġie jiswa £4.10s. Inxtrat ukoll il-Via Sagra mir-Rabat ta' Malta għall-prezz ta' £75.

Imbagħad fid-29 ta' April tal-istess sena jidher l-aħħar ħlas li sar minn Mons. Spir Gauci. Dan kien jirrigwarda z-zuntier bil-madum. Il-ħlas ta' £23 sar permezz ta' Dun Karm Xuereb, li laħaq it-tieni rettur tal-knisja tagħna wara Dun Spir.